MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1455/2004

**GasanMamo Insurance Limited C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Patricia Mahoney skond il-ligi u l-polza (Claim Number N790299)**

**vs**

**Paul Pirotta u Maria Pirotta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm484.50) rapprezentanti hsarat sofferti minn Patricia Mahoney in konsegwenza ghall-ingress ta' ilma li sehh mill-proprjeta` tal-konvenuti ghal gol-fond ta' Patricia Mahoney, numru 8, St. Joseph Street, Sliema, liema incident sehh fit-28 ta' Novembru, 1999 u ghall-liema**

**hsarat l-istess Patricia Mahoney giet kompensata fl-ammont fuq imsemmi mis-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Jannar, 2004, u bl-ineteressi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2005 il-konvenuti taw ruhhom b'notifikati.**
**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi t-talba hija preskritta ai termini tal-Art.2153 tal-Kodici Civili ;**
**Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonjiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt.**

**Ra l-affidavit ta' Dr. Peter Borg Costanzi. Semgha x-xhieda ta' Paul Pirotta u ta' Dr. Martin Fenech. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-konvenuti eccepew li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Art.2153 tal-Kodici Civili, cioe` l-preskrizzjoni tal-azzjoni b'gheluq sentejn.**
**2. Ir-ragunijiet li biha jista' jigi sospiz jew miksur il-perijodu preskrittiv huma dawk elenkati fl-Artikoli 2122 sa 2136 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**3. Jirrizulta li fid-9 ta' Gunju, 2000 il-konvenuti kienu intimati permezz ta' ittra legali da parti tas-socjeta` attrici, illi kienu qed jinzammu responsabbli ghad-danni kagunati lill-assigurata Patricia Mahoney. Kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-avukat tas-socjeta` attrici u l-avukat tal-konvenuti, dana dejjem fis-sena 2000.**
**4. Skond Dr Peter Borg Costanzi ghas-socjeta` attrici, fis-6 ta' Frar, 2002, kellem lil Dr. Martin Fenech u verbalment ftehmu li jistennew l-ezitu tal-kawza « Mahoney vs Pirotta » (Citaz.1140/00) dwar ir-responsabilita`. Huwa jghid li sussegwentement deher evidenti li l-konvenuti ma kienux qed jaqblu mad-decizjoni peritali dwar ir-responsabilita`, u ghalhekk fis-6 ta' Frar, 2004 giet prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenuti.**

**5. Dr. Martin Fenech jichad li qatt ma kien hemm xi forma ta' ftehim kif inghad. Ghalhekk hemm konflitt ta' provi fir-rigward, u ma gie prezentat ebda dokument biex jissustanzja dak li qed jintqal, dwar xi forma ta' ftehim.**

**6. Din il-kawza giet intavolata fil-15 ta' Lulju, 2004. L-allegati danni sehhew fit-28 ta' Novembru, 1999. Ma jirrizultax li saru xi proceduri li nterrompew jew issospendew il-perijodu preskrittiv.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta a tenur tal-Art.2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------